MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Awwissu, 2008

Numru 173/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**

**KONTRA**

**MELVIN PACE**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Melvin Pace ta’ 22 sena, bin Louis u Rita nee’ Camilleri, imwieled Pieta, nhar l-20 ta’ Gunju 1986, u residenti fil-fond Flat 2 BLK L Ent D, Qasam tal- Bini tal- Gvern, Zabbar, detentur ta’ Karta tal-Identita’ bin-numru 280686(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

F'dawn il- Gzejjer, it- 3 ta' Awwissu 2008, kif ukoll fil-granet ta' qabel, f'hinijiet differenti u f'diversi postijiet madwar Malta.

1) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura droga eroina, specifikata fl- ewwel skeda ta' l-ordinanza dwar il- medicini perikoluzi, Kap 101 tal- Ligijiet ta' Malta lil persuna jew persuni jew ghall uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill- President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir- regoli tal- 1939 ghall-kontroll intern tad- drogi perikoluzi (G.N 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill- President ta' Malta li jforni d- droga u minghajr ma kien fil- pussess ta' awtorizzazjoni ghall- importazzjoni jew ghall- esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal- Gvern skond id- dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l- ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu lincenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d- droga msemmija minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l- istess droga u dan bi ksur tar- regolament 4 tar- regolamenti ta' l- 1939 ghall- kontroll intern tad- drogi perikoluzi (G.N) 292/1939 kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l- Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi Kap 101 tal- Ligijiet ta' Malta

2) Aktar talli kellu fil- pussess tieghu id- droga eroina specifikata fl- ewwel skeda tal- Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal- Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil- pussess ta' awtorizzazjoni ghall- importazzjoni jew ghall- esportazzjoni mahrug mit- Tabib Principali tal-Gvern skond id- dispozizjonijiet tar- 4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil- licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d- droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil- licenzja mill- President ta' Malta li jkollu d- droga msemmija fil-pusses tieghu u naqas li jipprova li d- droga msemmija giet fornuta lilu ghall- uzu tieghu skond ir- ricotta kif provodut fir- regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l- 1939 dwar il- kontroll intern tad- drogi

perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l- Ordinanza dwar il- Medicni Perikoluzi Kap 101 tal- Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall- uzu eskluzziv tieghu;

3) Aktar talli kellu fil- pussess tieghu id- droga kokaina specifikata fl- ewwel skeda tal- Ordinanza dwar il- medicini perikoluzi Kap 101 tal- Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil- pussess ta' awtorizzazjoni ghall- importazzjoni jew ghall- esportazzjoni mahrug mit- Tabib Principali tal- Gvern skond id- dispozizzjoni tar- 4 u s- 6 Taqsima ta' l- Ordinanza u meta ma kienx bil- licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d- droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil- licenzja mill- President ta' Malta li jkollu d- droga msemmija fil- pussess tieghu u naqas li jipprova d- droga msemmija giet fornuta lilu ghall- uzu tieghu skond ir- ricetta kif provdut fir- regolamenti msemmija u dan bi ksur tar- regoli ta' l- 1939 dwar il- kontroll intern tad- drogi perikoluzi (G.N 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l- Ordinanza dwar il- Meidicini Perikoluzi Kap 101 tal- Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall- uzu eskluzziv tieghu

4) Aktar talli irrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal- Qorti ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghal dawn l-imputazzjonijiet, fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u wara li inghata zmien xieraq skond il-ligi mill-Qorti sabiex jirrikonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Rat illi b'din l-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti giet ghalhekk ikkonvertita minn Qorti Struttorja ghal wahda ta'

Gudikatura Kriminali ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 392A tal-Kap 9, u setghet ghalhekk tittratta mal-hati sommarjament u tghaddi minnufih ghas-sentenza skond il-ligi;

**Ikkunsidrat:**

Illi fuq ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex alternattiva hlief li tikkundanna lill-imputat ghall-piena idonea ghal dan ir-reat, wara li tkun qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz. Il-Qorti rat illi l-imputat qieghed jassisti lill-Pulizija fl-investigazzjonijiet taghha fuq dan l-istess kaz, u inoltre hu wera x-xewqa li jibda jattendi ghal programm ta' rijabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga. Il-fedina penali tal-imputat, izda, turi li hu kien diga' inghata opportunitajiet u assistenza f'din il-haga, u xorta ghadu ma rnexxiex, minkejja l-eta' tenera tieghu. Il-Qorti ghalhekk ser ikollha taghti piena ta' prigunerija effettiva. Madankollu, jimmilita favur l-imputat li hu rregistra ammissjoni fl-istadju tal-esami, u issa qed jikkollabora fl-investiazzjonijiet tal-Pulizija, u allura l-piena ser tirrefletti dan ukoll.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
l-Artikoli 4, 8 u 22(2)(b)(i) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
u r-Regolament 4 tal-Avviz tal-Gvern G.N. 292/1939.

Fuq ammissjoni din il-Qorti qed issib lill-imsemmi imputat Melvin Pace hati u ghaldaqstant tikkundannah ghal perijodu ta' tlitt snin u ghaxar xhur prigunerija. Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tas-sustanza indikata fl-akkuza taht l-awtorita' tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta din is-sentenza lill-imputat.

Tordna li l-atti flimkien mas-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fit-terminu tal-ligi.

DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D, MA
MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------